MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 2116/2004

**IVAN CUTAJAR PRO ET NOE**
**Vs**
**FARRUGIA & TABONE CO LTD**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta` Novembru, tas-sena 2004 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` disa` mitt lira (Lm 900), rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta` flus dovuta in konnessjoni ma` xogholijiet ta` aluminium debitament ezegwiti mill-istess socjeta` attrici fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta. Liema xogholijiet kienu jinkludu kemm materjal u kif ukoll mano d`opera u liema xogholijiet gew installati fil-lukanda Intercontinental San Giljan, bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 14 ta` Jannar, 2005 fejn ikkontestat it-talba ta` l-atturi u dana fis-sens illi

fl-ewwel lok affermat illi parti mix-xoghol kien jinkludi xoghol ta` stainless steel, fit-tieni lok illi x-xoghol ezegwit mill-atturi ma sarx skond kif titlob is-sengha u l-arti u skond it-termini u kondizzjonijiet pattwiti tant illi l-klijent kien irrifjuta li jhallas lis-socjeta` konvenuta ta` dan ix-xoghol u fit-tielet lok u b`mod generali illi t-talbiet ta` l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kwindi l-ammont pretiz ma hux dovut.

Ra u ezamina l-provi migjuba nkluz id-dokumenti ezebiti.

Gie notat illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta inghatat diversi opportunitajiet biex tressaq il-provi taghha in sostenn tar-risposta formali illi hija tat, l-istess socjeta` konvenuta baqghet ma resqet ebda provi.

Ikkunsidra.

Illi in vista tal-permess ghalhekk ghandu jirrizulta illi l-unika prova illi ngiebet f`dawn il-proceduri kienet dak imressqa mill-atturi u da parti taghhom is-socjeta` konvenuta baqghet mhux biss ma resqet ebda provi in sostenn tar-risposta formali taghhom izda anqas ma resqet xi provi biex jikkontestaw il-provi migjuba mill-atturi.

Illi mill-provi prodotti mill-atturi mhux kontestati b`ebda mod partikolarment mic-cheque ezebit a fol. 12 tal-process u mill-affidavit ta` l-attur Ivan Cutajar ghandu jirrizulta illi l-atturi huma fil-fatt kredituri tas-socjeta` konvenuta ghas-somma minnhom indikata fl-avviz fl-ammont ta` disa` mitt lira (Lm 900).

Illi in vista ta` dan u anka stante illi ma ngiebet ebda prova kontrarja, it-Tribunal isib illi t-talba tas-socjeta` attrici u kif ukoll ta` l-attur di proprio hija gustifikata.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fil-waqt li jirrispingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta` konvenuta tilqa` t-talba ta` l-atturi u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallashom is-somma mitluba ta` disa` mitt lira (Lm 900), bl-imghax legali dekorribbli mill-31 ta` Marzu, 2003 u

bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------